B’mod partikolari:

a) L-obbligu legali ġenerali jew l-obbligu impost mill-awtoritajiet fuq impriżi ta’ trasport individwali, li ma jittrasportawx barranin fit-territorju Ġermaniż mingħajr il-passaport meħtieġ jew il-permess ta’ residenza meħtieġ, li jista’ jiġi ssodisfatt biss billi jiġu kkontrollati d-dokumenti ta’ qsim ta’ fruntieri tal-passiġġieri kollha qabel il-qsim tal-fruntiera interna, jikkostitwixxi verifika fuq il-persuni fuq il-fruntieri interni fis-sens tal-Artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen jew għandu jiġi assimilat għal tali verifika?

b) L-impożizzjoni tal-obbligi msemmija fil-punt (1) għandha tiġi evalwata b’riferiment għall-Artikolu 23(a) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen, minkejja li l-impriżi ta’ trasport ma jeżerċitawx “setgħat ta’ pulizija” fis-sens ta’ din id-dispożizzjoni u minkejja li l-obbligu li jwettqu kontrolli li huwa impost fuqhom mill-Istat ma jawtorizzahomx formalment sabiex jeżerċitaw prerogattivi ta’ awtorità pubblika?

c) Fil-każ li l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv: fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fit-tieni sentenza tal-Artikolu 23(a) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen, il-kontrolli mitluba mill-impriżi ta’ trasport jikkostitwixxu miżura illegali ta’ effett ekwivalenti għal kontrolli fuq il-fruntieri?

d) L-impożizzjoni tal-obbligi msemmija fil-punt (1) sa fejn hija tirrigwarda impriżi ta’ trasport bil-karozzi tal-linji li joperaw servizzi regolari, għandha tiġi evalwata b’riferiment għall-Artikolu 23(b) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen li jipprevedi li l-assenza ta’ kontroll fuq il-fruntieri interni ma għandhiex taffettwa l-kompetenza tal-impriżi ta’ trasport li jwettqu kontrolli ta’ sigurtà fuq il-persuni fil-portijiet jew fl-ajruporti? Minn dan jirriżulta li l-kontrolli fis-sens tal-ewwel domanda mwettqa barra minn portijiet u ajruporti ma humiex permessi meta ma jikkostitwixxux kontrolli ta’ sigurtà u ma jitwettqux ukoll fuq persuni li jivvjaġġaw fi ħdan l-Istat Membru?

2. L-Artikoli 22 u 23 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen jipprekludu leġiżlazzjonijiet li jippermettu, sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-obbligu, li tiġi adottata deċiżjoni ta’ projbizzjoni taħt piena ta’ penalità kontra impriża ta’ trasport bil-karozzi tal-linji jekk, minħabba li l-kontrolli ma twettqux, barranin ġew ukoll ittrasportati fit-territorju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja minkejja li ma kellhomx passaport u permess ta’ residenza?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fil-21 ta’ Lulju 2017 – Préfet des Pyrénées-Orientales vs Abdelaziz Arib, Procureur de la République près le tribunal de grande instance de Montpellier, Procureur général près la cour d’appel de Montpellier**

**(Kawża C-444/17)**

(2017/C 330/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour de cassation

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Préfet des Pyrénées-Orientales

*Konvenuti:* Abdelaziz Arib, Procureur de la République près le tribunal de grande instance de Montpellier, Procureur général près la cour d’appel de Montpellier

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2016/399, tad-9 ta’ Marzu 2016 [1], li jipprevedi li, meta l-kontrolli fuq il-fruntiera jiġu introdotti mill-ġdid fil-fruntieri interni, id-dispożizzjonijiet rilevanti fit-Titolu II (fil-fruntiera esterna tagħhom) għandhom japplikaw *mutatis mutandis*, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kontrolli introdotti mill-ġdid fil-fruntiera interna ta’ Stat Membru huma komparabbli mal-kontroll imwettaq fil-fruntiera esterna, meta jsir qsim minn ċittadin ta’ pajjiż terz, mingħajr id-dritt tad-dħul?

2) Fl-istess ċirkustanzi għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontroll fil-fruntiera interna, dan ir-regolament u d-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta’ Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment [2], jistgħu jiġu applikati għas-sitwazzjoni ta’ ċittadin ta’ pajjiż terz, li jaqsam fruntiera fejn il-kontroll ġie introdott mill-ġdid, il-fakultà prevista fl-Artikolu 2(2)(a) tad-direttiva, li jiftaħ għall-Istati Membri l-possibbiltà li jkomplu japplikaw il-proċeduri nazzjonali ta’ ritorn issemplifikati fil-fruntieri tagħhom?

3) F'każ ta' risposta affermattiva għal din l-aħħar domanda, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(2)(a) u tal-Artikolu 4(4) tad-direttiva jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħalma huwa l-Artikolu L. 621-2 tal-Kodiċi dwar id-dħul u r-residenza tal-persuni barranin u d-dritt għall-ażil, li tistabilixxi piena ta' priġunerija għall-illegalità tad-dħul fit-territorju nazzjonali ta' ċittadin ta' pajjiż terz li għalih il-proċedura ta' ritorn stabbilita minn din id-direttiva ma tkunx waslet fi tmiemha?

---

([1]) Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-9 ta' Marzu 2016, dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, p. 1).

([2]) ĠU L 348, p. 98.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fis-26 ta' Lulju 2017 – A & G Fahrschul-Akademie GmbH vs Finanzamt Wolfenbüttel**

**(Kawża C-449/17)**

(2017/C 330/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesfinanzhof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* A & G Fahrschul-Akademie GmbH

*Konvenut:* Finanzamt Wolfenbüttel

**Domandi preliminari**

1) Il-kunċett ta' edukazzjoni skolastika jew universitarja previst fl-Artikolu 132(1)(i) u (j) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), ikopri t-taħriġ mogħti minn skola tas-sewqan sabiex tinkiseb liċenzja tas-sewqan tal-kategorija B u tal-kategorija C1?

2) Fil-każ li l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv:

Ir-rikonoxximent tar-rikorrenti bħala organizzazzjoni li għandha għanijiet simili, fis-sens tal-Artikolu 132(1)(i) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, jista' jirriżulta mid-dispożizzjonijiet legali dwar l-eżami għall-għalliema tas-sewqan u dwar l-għoti ta' liċenzja bħala għalliema tas-sewqan jew bħala skola tas-sewqan, previsti fil-Gesetz über das Fahrlehrerwesen (Liġi dwar il-kwalifika tal-għalliema tas-sewqan) tal-25 ta' Awwissu 1969 (Bundesgestzblatt I 1969, 1336), kif l-aħħar emendata bil-Liġi tat-28 ta' Novembru 2016 (Bundesgesetzblatt I 2016, 2722, Fahrlehrergesetz (Liġi dwar l-għalliema tas-sewqan)), kif ukoll mill-interess pubbliku li l-istudenti ta' skola ta' sewqan jingħataw taħriġ li jiżgura li jsiru utenti tat-triq li ma jkunux ta' perikolu, li jkunu responsabbli u li jkunu konxji tal-ambjent?

3) Fil-każ li t-tieni domanda tingħata risposta fin-negattiv:

Il-kunċett ta' għalliem li jagħti tagħlim privatament, previst fl-Artikolu 132(1)(j) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, jirrikjedi li l-persuna taxxabbli tkun imprenditur individwali?

4) Fil-każ li t-tieni u t-tielet domandi jingħataw risposta fin-negattiv:

Sabiex għalliem jitqies li huwa għalliem li jagħti tagħlim privatament, fis-sens tal-Artikolu 132(1)(j) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, huwa biżżejjed li dan jaġixxi f'ismu stess u taħt ir-responsabbiltà tiegħu stess, jew il-karatteristika ta' "privatament" timplika kundizzjonijiet oħra?

---

([1]) ĠU L 347, p. 1.